MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRETA MIFSUD**

Seduta tad-9 ta' Frar, 2009

Talba Numru. 950/2006

**Therese Mallia**

**vs**

**Anthony Mallia**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tal-attrici li ppremettiet:-

Illi l-konvenut ghandu jhallas lill-istess Therese Mallia d-debitu ta’ elf u hames mitt lira Maltija (Lm1,500), ekwivalenti ghal tlett elef, erba’ mija u erbgha u disghin Euro u sitt centezmi (€3,494.06), rapprezentanti bilanc minn ammont akbar, dovut minnu skond skrittura ffirmata minnu ukoll, datata 30 ta’ Awissu, 2005.

Illi l-konvenut naqas milli jhallas dan il-bilanc minkejja li kien interpellat sabiex jaghmel dan.

Ghaldaqstant, l-attrici talbet lil dan it-Tribunal sabiex il-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attrici l-ammont ta' elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500) ekwivalenti ghal tlett elef, erba' mija u erbgha u disghin Euro u sitt centezmi (€3,494.06).

Bl-ispejjes u bl-interessi sad-data tal-pagament effettiv.

Ra r-risposta tal-konvenut li kkontesta t-talba u dan peress:-

Illi l-istess talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt u dan stante li m'hemm l-ebda ammont li huwa dovut minnu.

Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-iskrittura li taghmel referenza ghaliha l-attrici, mhix datata 30 ta' Awissu, 2005, kif tghid hi, pero' effettivament hija datata 13 ta' Settembru, 2005.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-iskrittura pprezentata mill-attrici hija konfuza u mill-imsemmija skrittura lanqas ma jidher car x'bilanc allegatament ghandu jithallas mill-konvenut, u dan peress illi hemm tliet (3) istanzi fejn tissemma' l-kelma "Balance," bi tlett (3) ammonti differenti, wiehed hdejn kull kelma.

Salv risposti ulterjuri.

Bl-ispejjes kontra l-attrici.

Ra x-xhieda ta' l-attrici li tispjega li hi u l-konvenut kienu xtraw garaxx u hi kienet hallset erbat elef lira Maltin (Lm4,000), u cioe' ekwivalenti ghal disat elef, tlett mija u sbatax-il Euro u disgha u erbghin centezmi (€9,317.49) u dan kienet wirtithom. Il-konvenut kien hareg hamest elef lira Maltin (Lm5,000), u cioe' ekwivalenti ghal hdax-il elf, sitt mija u sitta u erbghin Euro u sebgha u tmenin centezmu (€11,646.87) izda mbaghad kienu sseparaw u ftehmu illi r-ragel taghha kellu jhallasha s-somma ta' sitt elef lira Maltin (Lm6,000), u cioe' ekwivalenti ghal tlettax-il elf, disa' mija u sitta u sebghin Euro u erbgha u ghoxrin

centezmu (€13,976.24) ghal garaxx u malli jinbiegh kien hemm ftehim illi r-rikavat kellu jinqasam bejniethom.

Minn dawn is-sitt elef lira Maltin (Lm6,000), u cioe' ekwivalenti ghal tlettax-il elf, disa' mija u sitta u sebghin Euro u erbgha u ghoxrin centezmu (€13,976.24), tghid li l-konvenut kien hallasha biss elfejn lira Maltin (Lm2,000), u cioe' ekwivalenti ghal erbat elef, sitt mija u tmienja u hamsin Euro u hamsa u sebghin centezmu (€4,658.75), fit-30 ta' Awissu, 2005 u kien ghad fadal bilanc ta' erbat elef lira Maltin (Lm4,000), u cioe' ekwivalenti ghal disat elef, tlett mija u sbatax-il Euro u disgha u erbghin centezmu (€9,317.49).

L-attrici tikkonferma li l-konvenut kien hallas l-ewwel elf lira Maltin (Lm1,000), u cioe' ekwivalenti ghal elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), u dan kien gie ddikjarat u ffirmat fuq karta li kienu ghamlu. Kien sussegwentement kien hallasha hames mitt lira Maltin (Lm500), u cioe ekwivalenti ghal elf, mija u erbgha u sttin Euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69), ghal darbtejn u dan kien ghal habta tat-13 ta' Settembru, 2000 u ghalhekk kien fadal bilanc ta' elfejn lira Maltin (Lm2,000), u cioe' ekwivalenti ghal erbat elef, sitt mija u tmienja u hamsin Euro u hamsa u sebghin centezmu (€4,658.75). Kienet imbaghad haffritlu hames mitt lira Maltin (Lm500), cioe ekwivalenti ghal elf, mija u erbgha u sittin Euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69), u ghalhekk l-ammont li kienet qed titlob kien ta' elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500), ekwivalenti ghal tlett elef ‚erba' mija u erbgha u disghin Euro u sitt centezmi (€3,494.06), u dan kien jirrizulta mill-karta li kienu ghamlu bejniethom.

Tichad li kienet ziedet il-kliem "Not" fl-istess skrittura li kienu ghamlu bejniethom. Tikkonferma li hemm il-firma taghha u kull darba li kien isir xi pagament kienet tiffirma.

Tghid li l-konvenut kien iffirma darba biss, fit-30 ta' Awissu, meta kienet saret l-iskrittura.

Ra x-xhieda tal-konvenut li jispjega illi hu u l-attrici kienu sseparaw, izda kienu zammew garaxx in komun. Inizjalment, l-attrici riedet tbiegh dan il-garaxx u l-konvenut kien dispost li jixtri sehemha. L-attrici riedet sitt elef lira Maltin (Lm6,000), u cioe’ ekwivalenti ghal tlettax-il elf, disa’ mija u sitta u sebghin Euro u erbgha u ghoxrin centezmu (€13,976.24), u fil-fatt diga’ kien hallasha elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500), ekwivalenti ghal tlett elef, erba’ mija u erbgha u disghin Euro u sitt centezmi (€3,494.06). Dawn il-flus kienu thallsu quddiem l-Avukat Dr. Stefan Zrinzo Azzopardi u l-attrici kienet ghamlet karta, izda kienet zammitha hi.

Imbaghad, rega’ bdielha u riedet tbiegh il-garaxx lil terzi u eventwalment dan il-garaxx inbiegh.

Ighid li hu qatt ma ha lura dawk l-elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500), ekwivalenti ghal tlett elef, erba’ mija u erbgha u disghin Euro u sitt centezmi (€3,49.06). Kien ukoll hallas elfejn lira Maltin (Lm2,000), u cioe’ ekwivalenti ghal erbat elef, sitt mija u tmienja u hamsin Euro u hamsa u sebghin centezmu (€4,658.75) ohra, zewg (2) pagamenti ta’ hames mitt lira (Lm500) kull wiehed, cioe ekwivalenti ghal elf, mija u erbgha u sittin Euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69), kif ukoll pagament iehor ta’ elf lira Maltin (Lm1,000), u cioe’ ekwivalenti ghal elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghalhekk kien hallas l-erbat elef lira Maltin (Lm4,000), u cioe’ ekwivalenti ghal disat elef, tlett mija u sbatax-il Euro u disgha u erbghin centezmu (€9,317.49). Ghal l-ahhar hames mitt lira Maltin (Lm500), cioe ekwivalenti ghal elf, mija u erbgha u sittin Euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69) kellu jiehu *loan* mill-Bank of Valletta plc.

Jikkonferma li kien mbaghad ghamel l-ahhar pagament ta’ hames mitt lira Maltin (Lm500), cioe ekwivalenti ghal elf, mija u erbgha u sittin Euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69) u dan fil-presenza ta’ uliedhom u kien ghalhekk li l-attrici kienet kitbet fuq l-iskrittura “paid in full” u kien ghalhekk li kien ffirma f’dan l-istadju.

Ghid li l-attrici kienet kitbet “paid in full,” u quddiemu qatt ma kienet kitbet “not paid in full”. Meta ffirma kien hemm miktub biss li kien hallas kollox.

Ra x-xhieda ta’ Claire Mallia, li tikkonferma li hi dejjem kienet tkun prezenti meta missierha kien ghamel pagamenti lill-ommha li dejjem riedithom *cash.* Tikkonferma li kien hallas elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500), ekwivalenti ghal tlett elef, erba’ mija u erbgha u disghin Euro u sitt centezmi (€3,494.06), u kien hemm zewg (2) pagamenti ta’ hames mitt lira (Lm500), cioe’ ekwivalenti ghal elf, mija u erbgha u sittin Euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69), kull wiehed u mbaghad kien hemm pagament iehor ta’ elf lira Maltin (Lm1,000), u cioe’ ekwivalenti ghal elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Eurou sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), u ghalhekk kien hallas kollox, tant hu hekk li ommha kienet kitbet “paid in full” meta kien sar l-ahhar pagament u kienet bieset din il-karta, li fl-ahhar kien iffirma l-konvenut.

Ix-xhud tghid li l-ewwel (1) pagament li ghamel missierha, minn erba’ (4), kien meta kien halla l-flus fuq is-sodda ta’ l-attrici. Dwar l-ahhar pagament, peress li l-attrici riedithom *cash* kellu jissellef il-flus sabiex ihallasha.
Ra l-atti u d-dokumenti esebiti.

<u>Ikkunsidra</u>

Illi din il-kawza hija mimlija kontradizzjonijiet. Illi rrizulta bhala fatti mhux kontradetti huwa li wara li l-konjugi Mallia sseparaw kienu zammew garaxx in komun u peress li l-attrici kienet harget erbat elef lira Maltin (Lm4,000), u u cioe’ ekwivalenti ghal disat elef, tlett mija u sbatax-il Euro u disgha u erbghin centezmu (€9,317.49) minn flusha, mill-bejgh ta’ dan il-garaxx kellha tiehu dan il-kreditu minghand il-konvenut.

Jidher li hemm qbil in kwantu jirrigwarda parti sostanzjali tal-pagamenti. Kien hemm pagament ta’ elf lira Maltin (Lm1,000), u cioe’ ekwivalenti ghal elfejn, tlett mija u disagh u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u dan segwew b’zewg (2) pagamenti ohra ta’

hames mitt lira (Lm500) –il wiehed, u cioe’ ekwivalenti ghal elf, mija u erbgha u sittin Euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69).

L-attrici tinsisti li kienet haffritlu ukoll hames mitt lira (Lm500), u cioe’ ekwivalenti ghal elf, mija u erbgha u sittin Euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69) u fuq dan hemm qbil ukoll.

Il-kontestazzjoni ghalhekk tirrigwarda l-ammont ta’ l-elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500), u cioe’ ekwivalenti tlett elef, erba’ mija u erbgha u disghin Euro u sitt centezmi (€3,494.06). Primarjament, l-attrici tinsisti li l-iskrittura fejn gie miftiehem kif ghandu jkun hemm il-hlas ta’ dan id-debitu, kien f’Awissu, 2005, izda effettivament kien hemm ftehim fit-13 ta’ Settembru, 2005 u minn hawn jirrizulta ftehim u prospett tal-pagamenti li saru.

Dan il-ftehim ma jirriflettix b’mod car x’pagamenti saru. L-iskrittura tindika li kien ghad hemm bilanc ta’ hames mitt lira (Lm500), u cioe’ ekwivalenti ghal elf, mija u erbgha u sittin Euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69) u hdejha m’hemmx firma u lanqas firma tal-konvenut. Fil-fatt, il-konvenut ffirma biss din l-iskrittura fl-ahhar.

L-attrici tinsisti li kien ghad hemm bilanc dovut, izda l-konvenut jinsisti li kien hallas kollox, ghaliex meta inizjalment kien ser jixtri l-garaxx hu stess kien tah lill-attrici depozitu lill-attrici, liema depozitu ma hax lura.

Il-verzjoni tal-konvenut tkompli tissahhah meta bintu Claire Mallia tikkonferma ukoll li missierha l-konvenut kien ghamel il-pagamenti kollha u dawn kienu jithallsu *cash* ghaliex l-attrici kienet tinsisti li jsiru l-pagamenti b’dan il-mod.

Tiftakar li meta kien sar l-ahhar pagament minn missierha, l-attrici kienet bieset il-karta u anke hawn t-Tribunal huwa propens li jemmen aktar il-verzjoni tal-konvenut bhala dik l-aktar verosimili u dan anke meta fuq l-istess skrittura tat-13 ta’ Settembru, 2005, hemm miktub “God Bless.”

Ghalhekk, huwa difficili biex dan it-Tribunal jemmen li l-konvenut, li ffirma l-iskrittura darba biss, ffirma bhala ammissjoni li kien ghad fadallu jhallas lill-attrici. It-Tribunal ghandu jqis li l-probabilita' hija li l-konvenut hallas u kien ghalhekk li ffirma skrittura. It-Tribunal jikkundanna l-agir tal-attrici, jekk verament ziedet il-kliem "Not" mal-kliem "paid in full" u dan semplicement biex tisfrutta u tarikixxi ruhha a pregudizzju tal-konvenut, li t-Tribunal huwa konvint kien ghamel il-pagamenti tieghu kollha u sahansitra ddejjen mill-Bank sabiex ikompli jaghmel il-pagamenti tieghu.

Inoltre, lanqas l-iskrittura li pproduciet l-attrici hija konsistenti ma dak li xehdu u ghalhekk aktar u aktar it-Tribunal m'huwiex konvint bil-verzjoni tal-attrici.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad t-talbiet attrici, filwaqt li jikkonferma l-eccezzjonijiet tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------